MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-7 ta' April, 2015

Talba Numru. 11/2015

**Raymond Zammit**

**vs**

**Massimo Gulli numru tal-Passaport Taljan YA 2348783 u Anna Rita Rossi numru tal-Karta tal-Identita' AS0195176 in solidum bejniethom**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' Jannar 2015, fejn intalab li l-konvenuti in solidum bejniethom jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' elf, mitejn, sitta u erbghin ewro hdax-il centezmi (€1,246.11c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, l-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta fil-25 ta' Marzu 2015 meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lill-attur s-somma ta’ elf, mitejn, sitta u erbghin ewro hdax-il centezmi (€1,246.11c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------